# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
# BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI

## Maġistrat Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv)

**Kump. Numru: 236/2002**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Joseph Zammit**
**(K.I. 543458M)**

**Illum, 8 ta' April 2024,**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **Joseph Zammit** ta' 42 sena iben Michael u Catherine xebba Scerri mwieled Ħal-Qormi nhar 6 ta' Awwissu 1958 u residenti No. 31 Flat 21 Triq l-Ljun Floriana, u detentur tal-karta ta' l-identità 543458M u akkużat talli:

a) Talli nhar is-16 ta' Diċembru 2001 għal ħabta tat-3.00 ta' wara nofs inhar, fil-Gżira, bil-ħsieb li tagħmel delitt, u cioe' serq ta' oġġetti minn vettura, bin-numru tar-reġistrazzjoni CBB-404 aggravat bil-mezz, valur, kif ukoll bin-natura tal-ħaġa misruqa, għad-detriment ta' Simon Muscat mill-Gżira, urejt dan il-ħsieb b'atti

esterni, u tajt bidu għall-eżekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tiegħek;

b) Kif ukoll talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanzi volontarjament ħassart, għamilt ħsara, jew għarraqt ħwejjeġ ħaddieħor, mobbli jew immobbli, u cioe' il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni CBB-404, liema ħsara li saret għad-detriment ta' Simon Muscat mill-Gżira tammonta għall-valuta ta' aktar minn ħamsin lira Maltija, iżda anqas minn ħames mitt lira Maltija;

c) Kif ukoll talli f'dawn il-Gżejjer fl-istess data, u ċirkostanzi, irrendejt ruħek reċidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 u 289 tal-kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wara li ġejt ikkundannat b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi;

d) Talli fil-perjodu operattiv ta' sentenza sospiża mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) datata 28' ta' Frar 2001, fejn huwa kien misjub ħati u kundannat għal piena ta' sentejn priġunerija sospiżi għal erba' snin, ikkommetta reat li għalih hemm il-piena ta' priġunerija.

Rat id-Digriet tagħha tat-08 ta' Mejju 2023 fejn ordnat illi jerġa jsir l-eżami mill-ġdid tal-akkużat għar-raġunijiet hemm imfissra;

Rat l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mid-difensur tal-akkuża waqt is-seduta tal-1 ta' Novembru 2023;

Ra s-sottomissjonijiet tal-partijiet dwar din l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat tressaq quddiem din il-Qorti diversament ippresjeduta nhar id-09 ta' Ottubru 2003 sabiex jirrispondi għal akkużi dwar reati li allegatament seħħew fis-16 ta' Diċembru 2001 bħall-ħabta tat-3:00pm ġewwa l-Gżira.

Illi għal raġunijiet li l-Qorti m'hijiex ser tidħol fihom f'dan l-istadju, il-proċess odjern ma rreġistra ebda progress għal numru twil ta' snin u kien biss fit-22 ta' Settembru 2022 li l-kawża reġgħet ġiet imqiegħdha fil-lista tal-kawżi tagħha.

Ikkonsidrat;

Illi fl-ewwel lok, sabiex jiġi determinat il-perjodu preskrittiv jeħtieġ li l-ewwel tiġi determinata l-piena li kienet applikabbli fil-perjodu li allegatament seħħew ir-reati li bihom huwa akkużat Joseph Zammit.

Illi l-ewwel akkuża hija dik ta' serq aggravat bil-mezz, bil-valur u bin-natura tal-ħaga misruqa. Illi l-Artikoli 278(1)(2) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, fiż-żmien meta seħħew l-allegati reati, kienu jistipulaw illi:

> *"**278**.(1) Il-ħati ta' serq ikkwalifikat bil-"mezz" biss, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn ħames xhur sa tliet snin.*
>
> *(2) Jekk is-serq, barra milli bil-kwalifika tal-"mezz", ikun akkumpanjat ukoll b'waħda mill-kwalifiki l-oħra, iżda mhux dik tal-"vjolenza", il-piena fuq imsemmija ma tingħatax fil-minimum tagħha."*

Illi b'hekk, il-piena massima li l-akkużat jista' jeħel jekk jinstab ħati ta' din l-ewwel akkuża hija ta' tlett snin priġunerija.

Illi t-tieni akkuża hija dik ta' ħsara volontarja a dannu ta' Simon Muscat, liema ħsara tammonta għal aktar minn ħamsin Lira Maltija (illum €116.47) iżda inqas minn ħames mitt Lira Maltija (illum €1,164.69). Illi l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta kien jistipola, fiż-żmien meta seħħew l-allegati reati, illi:-

> *"(b) jekk l-ammont tal-ħsara ma jkunx jiskorri ħames mitt lira imma jkun iżjed minn ħamsin lira, il-piena ta' priġunerija minn ħames xhur sa sena"*

Illi b'hekk, il-piena massima li l-akkużat jista' jeħel jekk jinstab ħati ta' din it-tieni akkuża hija dik ta' sena priġunerija.

Ikkonsidrat;

Illi l-Artikolu 689 tal-Kodiċi Kriminali, fiż-żmien meta seħħew l-allegati reati, kien jistipola illi

> *"**689.** Għall-effetti tal-preskrizzjoni għandu jittieħed qies tal-piena li għaliha r-reat ikun ordinarjament suġġett, apparti minn kull skuża jew ċirkostanza oħra partikulari li, minħabba fiha, skont il-liġi, ir-reat ikun suġġett għal piena iżgħar; lanqas ma għandu jittieħed qies taż-żieda fil-piena minħabba reċidiva."*

U b'hekk it-tielet akkuża, ossija l-addebitu tar-reċidiva, ma tistax titqies għall-finijiet ta' dan l-eżerċizzju odjern. Fir-rigward tar-raba' akkuża, ossija dik ta' ksur ta' sentenza sospiża, sabiex tali akkuża tingħata r-relevanza tagħha, l-akkużat irid l-ewwel jinstab ħati tal-ewwel u/jew tat-tieni akkuża.

Ikkonsidrat;

Illi stabbilita l-piena massima għar-reati addebitati kontra l-akkużat, il-Qorti ser tagħmel referenza għall-Artikolu 688(d) tal-Kodiċi Kriminali fiż-żmien meta seħħew l-allegati reati, li jistipola illi:-

> *"**688.**Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi xort'oħra, l-azzjoni kriminali taqa' bi preskrizzjoni-*

> *(d) bl-egħluq ta' ħames snin għad-delitti suġġetti għall-piena ta' priġunerija għal żmien ta' anqas minn erba' snin u mhux anqas minn sena;"*

Illi b'hekk, huwa stabbilit li l-perjodu preskrittivi għar-reati *de quo*, huwa dak ta' ħames snin.

Ikkonsidrat;

Illi qabel id-dħul fis-seħħ tal-Att III tal-2002, il-ksur tal-preskrizzjoni kien regolat bl-Artikolu 693 tal-Kodiċi Kriminali. Illi l-Qorti ser tagħmel referenza għas-subinċiż (1) u (3) tiegħu, li jistipola:

> ***"693.*** *(1) Iż-żmien tal-preskrizzjoni jinkiser b'kull att tal-proċediment li jiġi innotifikat lill-imputat jew akkużat dwar il-fattli għalih ikun imputat jew akkużat;*

U

> *(3) Iż-żmien miksur tal-preskrizzjoni jerġa' jibda miexi mill-ġdid mill-ġurnata li jkun ġie miksur"*

Ikonsidrat;

Illi b'hekk, l-eżami li għandha tagħmel il-Qorti fil-każ de quo huwa li tara jekk il-perjodu preskrittiv ta' ħames snin laħaqx għadda bejn l-aħħar darba li l-akkużat kien notifikat b'xi att tal-proċediment odjern.

Mill-atti odjerni jirriżulta illi l-aħħar notifika fir-rigward ta' Joseph Zammit hija datata l-11 ta' April 2007[1] u d-darba ta' wara li deher għall-proċeduri odjerni kien fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2022. B'hekk jirriżulta ampju li l-

[1] A fol. 64 tal-atti proċesswali.

perjodu ta' ħames snin stipulat mill-Artikolu 688(d) tal-Kodiċi Kriminali iddekorra bejn l-aħħar darba li kien notifikat bl-atti tal-proċeduri u d-darba ta' wara li reġa' deher, u dan ai termini tal-Artikolu 693 tal-Kodiċi Kriminali, kif hawn fuq deskritt.

**Deċide**;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti qed tilqa' l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-akkużat fl-1 ta' Novembru 2023 u qed tiddikjara l-akkużi odjerni bħala preskritti.

**Ft.Dr. Leonard Caruana B.A., LL.D., M.A (Fin. Serv)**
Maġistrat

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**